# Il-qniepen jagħlqu 80 sena

Matul din is-sena il-Parroċċa tagħna tfakkar it-80 sena mill-wasla tas-sett qniepen li nsibu fil-Kampnari tal-Knisja parrokjali. Din l-opra saret fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Magri li kien hu li beda jaħdem biex isir dan il-proġett. Il-qniepen kienu ordnati għand id-ditta 'Prospero Baricozzi'. Il-ġbir għal dawn il-qniepen beda nhar is-26 ta' April 1925. Tliet snin u nofs wara dawn waslu Ħal Luqa. Ir-ritratt li jidher fl-isfond jurina lill-Kappillan Dun Ġużepp Magri jkellem lill-folla preżenti minn fuq iz-Zuntier tal-Knisja waqt iċ-ċerimonja tat-tberik tal-qniepen nhar is-Sibt, 27 ta' ottubru 1928. Il-qniepen li tbierku mill-Isqof Mawru Caruana huma ddedikati lill-Qalb ta' Ġesù,









Kunċizzjoni, San Ġużepp u San Feliċissimu, filwaqt li l-qanpiena l-kbira li tiżen tlett tunnelati hija ddedikata lil Sant'Andrija. Kull qanpiena kellha l-parrinu tagħha u dawn kienu Mons K Grima u A Vella, l-aħwa Dun Karm u Dun Ġużepp Vassallo u Xmun Azzopardi. L-ewwel erbgħa qniepen ttellgħu fil-kampnar fil-jum li tbierku filwaqt li l-Kbira ttellgħet il-Ħadd,18 ta' Novembru.


# BONA GARAGE

Panel Beater, Body Building, Trucks & Pick Ups
with Aluminium & Metal works & Sprayer

Contact: Mr. Philip Bartolo

Tel: 2146 0053 • Fax: 2146 2382 • Mobile: 9949 7057
145, Triq Dun Luret Callus, Żebbuġ, Malta ŻBĠ 06

We are also Sub-Agents for

**England Insurance Agency Ltd.**
(Agents for Middlesea Insurance plc.)

**For Home, Motors, Shop, Travel, Health & Life Insurance**
**Contact: Ms Rachel Bartolo – Mob: 9988 4367**
**Triq Dun Luret Callus, Żebbuġ, Malta ŻBĠ 06**